**3 ta' Marzu, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D. B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Dr. Edwin Bonello LL.D.

**Rikors ta' Appell – Kwerelant**

*Il-kwerelant jista' jappella biss fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tas-7 ta' April, 1988 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Dr. Edwin Bonello LL.D., fuq l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat Dottor Edwin Bonello fuq kwerela ta' Cornelius *sive* Maurice Scifo Diamantino talli:

1) Xjentement assista lill-awturi Eric Pace Bonello u Joseph Formosa fl-esekuzzjoni ta' l-offiżi fuq il-persuna ta' Cornelius *sive* Maurice Scifo Diamantino;

2) Ġiegħel l-kommissjoni tar-reati u kontravvenzjonijiet u kkaġuna l-istess b'abbuż ta' l-awtorità u s-setgħa li kellu bħala ċ-*Chairman* tal-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi;

3) Saħħaħ il-volontà ta' l-awturi sabiex jagħmlu l-offiża fuq il-persuna ta' Diamantino;

4) Talli waqt li kien jaf bl-atti filwaqt li kienu qegħdin isiru, seta' u kien fl-obbligu li jimpedihom, li biha ddeċidiet li tilqa' l-eċċezzjoni tad-difiża u ddikjarat nulla l-kwerela ta' l-20 ta' Marzu 1986 fil-konfront ta' l-imputat Dottor Edwin Bonello u konsegwentement ma kumplietx tieħu konjizzjoni ta' dawk l-akkużi dedotti kontra l-imputat naxxenti mill-istess kwerela;

*Omissis;*

Rat u ttratta ir-rikors ta' l-appell interpost mill-kwerelanti Cornelius *sive* Maurice Scifo Diamantino;

Ikkunsidrat illi dan l-appell huwa wieħed minn tlieta, li

tnejn minnhom kienu jirrigwardaw appellanti oħra li kienu mismugħa kontestwalment u fir-rigward tat-tnejn l-oħra din il-Qorti diġà ppronunzjat ruħha prinċipalment fis-sentenza ''Il-Pulizija *vs* Eric Pace Bonello'' tas-17 ta' Ottubru, 1988;

Rat li fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 1988 l-appellat irrileva l-inappellabilità tas-sentenza da parti tal-kwerelanti fuq l-iskorta tas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża Il-Pulizija *versus* Eric Pace Bonello deċiża fis-17 ta' Ottubru, 1988. Filwaqt li l-kwerelant appellant issolleva li l-appell huwa bbażat fuq l-artikolu 413(1)(b)(iv) u (vi) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ottubru 1988, fl-ismijiet il-Pulizija *vs* Eric Pace Bonello li biha din il-Qorti ddikjarat l-appell tal-kwerelanti rritu u null u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu fuq il-motiv li l-appell ma sarx fit-termini tal-liġi relattiv għal appelli mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mill-Avukat Ġenerali, iżda mill-kwerelant oriġinali meta l-każijiet imsemmijin fl-artikolu 373 ma jokkorrux;

Għall-istess motivi, din il-Qorti fl-istess ċirkostanzi ta' dan il-każ u għall-istess raġunijiet tifhem li għandha timxi fuq l-iskorta ta' l-istess prinċipji, filwaqt li fir-rigward ta' l-allegazzjonijiet li l-appell hu bbażat fuq l-artikolu 413(1)(b)(vi) il-Qorti tindika li l-aggravju ma jgħid xejn fir-rigward u ċertament il-Qorti ma kinitx murija li l-kwerelant jew il-Pulizija kienu ġew impeduti fil-kawżi li jġibu xi prova li kienet indispensabbli biex issaħħaħ l-akkuża, u li skond il-liġi setgħet tinġieb;

Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċidi li dan l-appell ma sarx fit-termini tal-liġi, huwa rritu u null u konsegwentement

tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.